Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/11*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 26 ta' Diċembru, 2013 fl-4.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud kienet tinsab Malta u għalhekk mhux qed tattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsilliera Mifsud għandha tkun skużata milli tattendi din il-laqgħa.

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Offerta – Rendering of Services

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem fid-diskussjoni.*

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Anthony Mintoff f'isem A&E Mintoff Co Ltd bagħat ittra fejn qal li mhux possibbli li iġedded il-kuntratt Nru 2012-05, Rendering of Services.

Għalhekk is-Sindku sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex jiġi diskuss dan is-suġġett. Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:-

Fiċ-ċirkustanzi u b'referenza għall-ittra datata 23 ta' Diċembru 2013, fejn il-kumpanija A&E Mintoff qed titlob li ma iġġedditx it-tender numru 2012-05, il-Kunsill qed jittermina l-kuntratt ta' Rendering of Services b'effett immeddjat u jikkanċella d-deċizjoni ta' tiġdid meħuda fil-Laqgħa Numru 8 tas-Seba' Kunsill Lokali L-Għasri li inżammet nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2013 u fl-interess tar-raħal

jirresolvi biex jibda l-proċess li permezz tiegħu jinħareġ tender jew tenders għas-servizzi li kienu qegħdin jiġu offruti.

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Frank Formosa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel bi tlett voti favur, xejn kontra u xejn astensjonijiet (il-Viċi Sindku ma ħax sehem peress li iddikjara interess pekunjarju) li l-offerta ta' Rendering of Services mal-Kuntrattur A&E Mintoff għandha tieqaf b'effett immedjat.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-offerti għal Rendering of Services biex meta jinqala bżonn ta' xi xogħol ikun jista' jsir.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fil-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |